# Il-Għodwa

## *Dun Karm*



## Nota

- *Il-Għodwa* hija poeżija deskrittiva li fiha Dun Karm jitkellem dwar ix-xemx u l-effetti tagħha fuq il-ħlejjaq kollha, fil-fatt isejħilha "*sultana tal-ħolqien*" (v. 4).
- Il-poeta fost raġunijiet oħra, japprezza lix-xemx għax din tqajjem lill-poplu Malti għal ġurnata xogħol oħra.
- Din hija karatteristika ta' Dun Karm, anke bħala poeta Romantiku, li jispira ruħu min-natura u x-xogħol tal-art u tal-id.
- Għalhekk it-ton tal-poeżija huwa pożittiv għax il-lessiku deskrittiv huwa mimli enerġija, ħajja u hena: "*ferħ*" (v. 2), "*tifraħ*" (v. 27), "*inberkuk*" (v. 33).
- L-entużjażmu tal-poeta jinħass ukoll fil-metrika għaliex l-istrofi kwartini huma qosra b'vers ottonarju (il-vers popolari Malti) u rima mqabbża.
- It-tekniki letterarji li juża l-poeta f'din il-poeżija jkomplu jżidu max-xena pittoreska tal-għodwa, bħal bil-personifikazzjoni: "*Tixħet bewsa mis-smewwiet*" (v. 8) u bl-onomatopea: "*Iż-żarżira tar-raddiena*" (v. 23).
- Il-klajmaks/qofol tal-poeżija jintlaħaq permezz tal-mistoqsija retorika fl-aħħar żewġ versi li toħloq effett b'saħħtu fuq il-qarrejja għax iġegħelhom jirriflettu li Alla li ħalaq in-natura huwa ħafna aħjar mix-xemx minħabba li huwa missier il-ħolqien kollu, inkluż il-bniedem.



Isem: ______________________________ Klassi: ____________________